# IS-SANTWARJU TA' SAN NIKOLA BĦALA POST TA' PELLEGRINAĠĠI

minn Geoffrey G. Attard

Il-kult lejn San Nikola Tawmaturgu huwa mifrux sewwa mad-dinja Nisranija. Biżżejjed ngħidu li huwa magħruf li l-aktar tliet qaddisin meqjumin fl-Orjent u fl-Oċċident huma Sant'Antnin ta' Padova, San Ġorġ Martri u San Nikola l-Isqof ta' Myra. Dawn huma l-aktar tlieta fost il-qaddisin li għandhom iddedikati lilhom knejjes u santwarju ma' l-erba' naħat tad-dinja.

F'Malta nistgħu ngħidu li dawn it-tliet qaddisin huma meqjumin sewwa f'aktar minn lokalità waħda. **Imma San Nikola huwa meqjum f'tempju mill-isbaħa fil-qalb tal-Belt tas-Siġġiewi; tempju tassew monumentali b'faċċata unika, ċertament waħda mill-aktar illustri fil-gżejjer tagħna.** Dan il-qaddis Tawmaturgu li jgawdi kult universali huwa meqjum f'din il-Belt qadima Maltija imma l-ewwel Santwarju ta' San Nikola huwa dak li nbena fuq il-post fejn Hu stess kien Isqof jiġifieri f'Myra.

Is-Santwarju ta' San Nikola f'Bari sa mill-qedem kien jiġbed lejh mijiet ta' fidili. U dan nistgħu ngħidu li għadu jiġri sa llum. San Nikola jgawdi sbatax-il seklu ta' storja fejn il-Lvant u l-Punent donnhom b'pika taħraq bejniethom ippruvaw jgħaddu lil xulxin fil-venerazzjoni tagħhom lejn dan il-kbir qaddis.

Il-pellegrinaġġ lejn il-qabar tal-Qaddis beda meta 62 baħħar Taljan irnexxielhom jagħmlu t-translazzjoni tal-għadam minn Myra għall-Bari. L-iżvilupp tal-Pellegrinaġġ huwa rrakkuntat lilna mill-Professur L. Ambrosini fl-artiklu tiegħu ppubblikat fil-*Bollettino di San Nicola* tax-xahar ta' Mejju tas-sena 1926.

Hu jgħid hekk f'dan l-artiklu: *"A procession filled with people from both sides of the shore came, for centuries revering the Miracle Worker of Myra, to sign their eyes and their forehead with the 'santa manna', as if holy water, and doing the same to their children with it, as a shield against the enemies of body and soul, of country and religion."*

Lejn din il-Bażilika jersqu f'kull żmien bħala pellegrini devoti u anki personalitajiet prominenti – slaten u ħakkiema. Hekk per eżempju fis-sena 1089 Roger, Duka ta' Puglia, iben Roberto il Guiscardo, u fis-sena 1189 Costanza d'Altavila Imperatriċi fis-sena 1233 Federiku II ta' Swabia. Imbagħad fis-sena 1502 Eliżabbetta ta' Aragona Dukessa ta' Bari żaret dan is-Santwarju filwaqt li fl-1551 żaritu Bona Sforza li kienet diġà Reġina tal-Polonja. Fl-1889, jiġifieri aktar riċenti, żar dan is-Santwarju Bażilika ta' San Nikola r-Re Umbertu I Re ta' l-Italja u fl-1923 Umbertu ta' Savoja Prinċep tal-Piemonte. U ma' dawn nistgħu nżidu bosta u bosta personalitajiet irjali oħra li żaru danis-Sanwarju ta' fama internazzjonali ddedikat lill-Isqof Tawmaturgu San Nikola.

F'din il-Bażilika Pietru l-Eremita magħruf bħala "Peter the Hermit" talab għas-suċċess ta' l-Ewwel Kruċjata u hawn ukoll Boemondo talab sabiex tinħeles il-Palestina. Hawnhekk ukoll il-Qdusija Tiegħu l-Papa Urbanu II żamm il-Konċilju ta' Bari li kien jikkonċerna l-Knisja Griega. Hawnhekk ġew inkurunati r-Re Ruggieri fis-sena 1131, l-Imperatur Neriku II Imperatur Imqaddes Ruman, martu u ibnu Manfredi, u hawn ukoll waqt li San Nikola kien qed jiġi vvenerat mill-Knisja Griega u Latina, seħħet il-konverżjoni ċelebri għall-Kattoliċiżmu tal-Prinċipessa Elena ta' Montenegro.

Matul id-diversi sekli tal-Kristjaneżmu Bari rat eluf ta' eluf ta' nsara jżuru dan is-Santwarju u jintefgħu f'riġlejn dan il-qaddis. U hekk għadu jiġri sa llum. Jiġu mill-Adrijatiku, mill-Balkani, u anki minn postijiet bħalma huma r-Russja. L-aktar li jiġu huma minn Abruzzi, Molise, Campagnia, Basilicata u l-Kalabrija.

San Nikola safa' l-Qaddis Patrun ta' Bari *"by popular acclaim"*. Il-preżenza tiegħu f'din il-belt rabtet isimha mal-belt innifisha tant li llum San Nikola u Bari huma sinonimi; **huma ħaġa waħda,**

**l-istess bħalma f'Malta tagħna s-Siġġiewi hija l-belt ta' San Nikola u r-rabta ta' bejniethom hija rabta qadima li ma tafx temma.** Għalhekk mela l-kult ta' San Nikola fil-belt ta' Bari huwa l-aqwa patrimonju li għandha din il-belt fin-nofs in-nhar ta' l-Italja. Għalhekk jeżisti l-qawl: *"Bari is Saint Nicholas* u *Saint Nicholas is Bari"*.

San Nikola għex fi żmien meta r-realtà ekkleżjastika ma kenitx taf x'inhi firda. Il-Knisja kienet magħquda. Għalhekk ma' mewtu, il-kult lejn ismu nfirex bħalma tleħħ sajjetta u ismu ntrabat ma' bosta bliet ta' l-Ewropa. U mal-wasla ta' fdalijietu f'Bari l-kult tiegħu sar aktar imsemmi u d-devozzjoni lejh mxiet lejn il-Punent u lejn il-Lvant biex llum huwa meqjum fil-qlub ta' bosta.

Il-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent illum jiltaqgħu bħal fl-imgħoddi taħt il-patroċinju ta' San Nikola fil-fidi waħda f'Alla Wieħed Trinitarju. It-Tawmaturgu, qaddis ta' l-għaqda, jiġbor fi ħdanu l-fidili sabiex jitolbu għall-għaqda fost il-Knejjes, għall-għaqda fost l-Insara. Għalhekk mela l-qaddis għandu rwol ekumeniku, u dan ir-rwol jgawdi l-għarfien tal-knisja Kattolika u anke dik Ortodossa, il-qaddis igawdi d-devozzjoni taż-żewġ knejjes. Il-Papa Ġwanni Pawlu II żar dan is-Santwarju fl-okkażjoni tad-disa' ċentinarju tat-Translazzjoni tar-relikwiji minn Myra għal Bari. Dan kien fis-26 ta' Frar tas-sena 1984 u l-Papa qal hekk: *"Here is mysteriously prolonged a unique witness to holiness, that has illumined the hearts of millions of faithful of the East and of the West"*. L-isqof ta' Ruma kien ċertament qed jirreferi għall-Bażilika ta' San Nikola. Għalhekk mhux ta' b'xejn li l-belt ta' Bari hija Santwarju f'ħalq il-Lvant u l-Punent.

---


Riferenzi

*"The Sanctuary of Saint Nicholas as pilgrimage center"* – P. Ciro Bova O.P. *Translated from the Italian by P. Winston Fernandez-Cabading O.P.* f' *"Numero Speciale – Supplemento ai numeri* 10/11 BOLLETTINO DI SAN NICOLA anno XLV *Ottobre-Novembre* 1996.



**FOR THE BEST WORK AND SILVER PLATING ON MUSICAL INSTRUMENTS**



**Call at MARTIN BORG**

**Block E, Flat 30, Ħal Farruġ Road, Luqa**

**Tel: 244275**